KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 81

**L-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

81.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

81.2.2 Il-Kunsillier Bugeja proponiet li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Fenech issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 81.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

81.3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-President ta' Malta dwar l-għalqa li hemm biswit Dar Kenn għal Saħħtek. Huma kienu infurmawh li se jaħtru *designer* biex jirranġaw dan l-ispazju u jsir xi tisbiħ.

81.3.2 Is-Sindku informa li kien kiteb lill-Ministru tal-Finanzi biex jassisti lill-Kunsill biex tiġi installata ATM ġewwa l-Imtarfa. Sadanittant talab lis-SE sabiex tindaga wkoll dwar ATM indipendenti mill-banek li qed tiġi installata ma' Malta kollha.

81.3.3 Is-Sindku informa li kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Ministru tal-Intern dwar il-fatt li l-għassa tal-Imtarfa kienet tkun fil-maġġorparti magħluqa u li hemm bzonn li tinfetaħ aktar ta' spiss u b'mod regolari.

81.3.4 Is-Sindku informa wkoll li kien se jieħu ħsieb jorganizza l-ġurnata għal Għawdex għall-Anzjani. Dwar din kien se jagħti aktar dettalji 'l quddiem.

81.3.5 Għall-mistoqsija tas-Sindku jekk kinux ġew identifikati xi spazji vojta biex isiru parkeġġi għall- muturi, is-SE infurmat li ġibdet l-attenzjoni tal-persuna li tagħmel l-ispezzjonijiet biex jieħu ritratti fejn jaħseb li jistgħu jiġu inkluzi.

## 81.4 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* (April – Ġunju 2018)

81.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport ta' kull kwart lill-Kunsilliera permezz tal-*email*.

81.4.2 Hija infurmat li l-pozizzjoni tal-Kunsill hija waħda pozittiva kif anke huwa affermat fis-*summary* fuq l-istess rapport.

81.4.3 Ir-rapport ġe approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 81.5 Ingaġġ ta' skrivan/a fuq bazi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa

81.5.1 Is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tintbagħat rikjesta lid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali biex isir ingaġġ ta' skrivan/a fuq bazi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa minħabba li wieħed mill-iskrivani li hemm bħalissa wasal biex jirtira fi ftit ġimgħat oħra biss.

81.5.2 Hija spjegat li x-xogħol amministrattiv li jsir fil-Kunsill huwa kbir u li huwa impossibbli li l-Kunsill ikompli jopera bl-istess ritmu mingħajr ma tinġab aktar għajnuna. Intant infurmat li kienet applikat ukoll għal persuna oħra mal-*Community Workers Scheme* però għad ma kellha ebda risposta.

81.5.3 Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat talba lid-DLG għall-ingaġġ ta' persuna oħra.

## 81.6 Ċirkulari Numru SPI 10/2018 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018

81.6.1 Is-SE infurmat li din iċ-ċirkulari kienet diġà ġiet diskussa permezz tal-email u għaldaqstant talbet lill-Kunsilliera jikkonfermaw li se ssir it-talba biex jiġi rrestawrat il-monument tal-*Fire Brigade* li kien hemm minflok Binja Ġebel Dwejra.

81.6.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 81.7 L-attività tal-Imdina Grand Prix (12-14 ta' Ottubru 2018)

81.7.1 Is-SE infurmat li fi zmien xahrejn kienet reġgħet se tiġi organizzata l-attività tal-Imdina Grand Prix u bħalma qabel il-Kunsill fil-laqgħa ta' Novembru 2017 fuq talba tal-Viċi Sindku, hija kienet qed terġa' tfakkar lill-Kunsill dwarha.

81.7.2 Il-Kunsill qabel li għandu joġġenzja u jikkonferma d-deċizjoni ta' Novembru. Is-SE reġgħet intalbet tpoġġiha fuq l-aġenda li jmiss sabiex jiġi deċiz jekk għandhiex tinħareġ stqarrija pubblika jew issirx konferenza stampa.

## 81.8 Applikazzjonijiet għal proġetti tal-EU – *Network of Towns* u *Youth Exchange*

81.8.1 Is-Sindku informa li fil-prezent il-Kunsill qed jipprepara zewġ applikazzjonijiet bl-għajnuna tal-MEUSAC sabiex jinkisbu fondi mill-Ewropa għal zewġ *strands* differenti, ezattament wieħed għal *Network of Towns* fejn kienu diġà kkonfermaw 4 pajjizi differenti kif ukoll għal Skambju taz-Zgħazagħ fejn kien hemm ukoll 4 pajjizi oħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 81.9 MTFLC/T/01/2018 – Evalwazzjoni tat-Tender għas-servizz ta' *project management* għall-proġett tal-ERDF għat-torri tal-arloġġ

81.9.1 Minħabba li l-Viċi Sindku ma kienx prezenti u għaliex jifforma parti mill-bord tal-evalwazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir laqgħa b'urġenza biex tiġi diskussa din il-materja.

## 81.10 Military Mtarfa 2018

81.10.1 Is-Sindku informa li beda l-koordinament tal-attività. Għal din is-sena kienet qed terġa' tiġi pjanata attività fiċ-ċimiterju tal-Imtarfa u *convoy* ta' vetturi militari. Il-ħsieb huwa wkoll li jkun hemm 3 *re-enactments* (fil-11:00am, fis-2:30pm u fl-4:30pm). Huwa informa wkoll li bħas-soltu se jkun hemm esebizzjonijiet tal-armi, logħob tradizzjonali Malti, prezentazzjoni dwar l-Air Raid f'Malta, eċċ. Attivitajiet ġodda għandhom ikunu s-*subscription* u *assault course,* kif ukoll dawra mal-Imtarfa b'vettura militari għal ħlas zgħir.

81.10.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku dwar ir-risk assessment li jrid isir qabel l-attività biex il-Kunsill ikun eliġibbli li jieħu l-fondi mwegħda mid-DLG.

81.10.3 Is-Sindku semma' wkoll il-possibbiltà li ssir mogħdija u taraġ temporanju bejn Pjazza San Oswald u Triq is-27 ta' April. Is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar is-sigurtà u nuqqas ta' aċċessibbilità għal kulħadd. Min-naħa tal-Kunsilliera, ġibdu l-attenzjoni sabiex jassigura li dak li jsir ikun bil-permessi neċessarji inkella possibbilment isiru aċċessi temporanji. Inġibdet l-attenzjoni tiegħu wkoll għax-xogħlijiet oħra li jistgħu jsiru b'makkinarju goff minħabba l-instabbilità tal-post.

## 81.11 Punti Oħra

81.11.1 Is-SE prezentat tliet kwotazzjonijiet għal xogħol fuq il-gazebo li hemm fi Ġnien is-Sinjura minħabba li l-injam kien idditerjora tant li l-globi kienu qed jaqgħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta.

81.11.2 Is-SE infurmat li kienu ngħabu kwotazzjonijiet għal *blinds* ġodda għall-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jinbidlu l-*blinds* kollha tat-tliet uffiċini fejn isiru *zebra blinds* għall-*front office* u l-irħas għażla għall-kumplament tal-uffiċini.

81.11.3 Is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinxtara *cctv camera* biex tiġi installata fil-*front office* sabiex ikollha aċċess remot għaliha għal aktar sigurtà. Hija qalet li sistema sempliċi tiswa xi €100 jew €200.

81.11.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li TM kienet qed tissuġġerixxi li jsir *Communal Parking* għal persuni b'dizabilità fi Triq it-Torri tal-Arloġġ ezattament fl-aħħar parkeġġ ta' fuq. Il-Kunsill qabel kemm-il darba TM izzid parkeġġ ieħor abjad.

81.11.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand residenta sabiex issir *zebra/pedestrian crossing* bejn Binja Msieraħ u l-*bus shelter* il-ġdid. Is-SE infurmat li l-bankina hija pjuttost dejqa u fuq naħa minnhom mhijiex sogħda minħabba li għaddejjin il-*culverts* minħabba l-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel u talab lis-SE sabiex tagħmel applikazzjoni ma' TM għal pelican crossing u l-installazzjoni tagħha għandha tintalab lil TM.

81.11.6 Is-SE infurmat li wara li saru l-kejlijiet mill-mastrudaxxa li kien qed jaħdem fuq l-għamara tal-*front office*, jidher li kien hemm spazju għal *cupboard* li ma kienx inkluz fuq it-*tender*. Il-prezz kien jitla' għal €800 eskluz il-VAT. Kien hemm qbil li jsir għalkemm possibbilment għandha tiddiskuti l-prezz mill-ġdid.

81.11.7 Is-SE infurmat li l-għada l-Ħamis, kien se jsir ix-xogħol bl-i*shredder* fil-bosk hekk kif approvat mill-Kunsill.

81.11.8 Sadanittant kienet se ssir laqgħa oħra fil-bosk, din id-darba mal-*foreman* u uffiċjal mill-Ministeru minħabba li waqt laqgħat li saru aktar kmieni l-ġimgħa ta' qabel, kien jidher li x-xogħol li hemm bzonn li jsir min-naħa tal-ħaddiema tal-Ministeru huwa ikbar minn dak maħsub. Kien hemm ħsieb ukoll li bil-permess tal-Aġenzija Sapport ikun hemm aċċess min-naħa ta' wara.

81.11.9 Is-SE infurmat li kellha laqgħa mal-Wasteserv fejn dawn infurmaw li mill-31 ta' Ottubru li ġej, kienet se tibda l-ġabra tal-borza l-bajda. Hija kienet se tgħaddilhom il-ġranet tal-ġabriet differenti permezz tal-*email* minħabba li ma kinitx għadha rċeviethom.

## 81.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

81.12.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li għaddejjin bit-thejjijiet tal-attivita' tal-festival tal-folk.

## 81.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

81.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Bugeja ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 81.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

81.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:50pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Settembru fis-7:15pm.

Konfermati, illum

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |